



Dokument ta' sessjoni

A8-0070/2019

7.2.2019

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali (10923/2018 – C8-0440/2018 – 2018/0238(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: József Nagy

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (1-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	7
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali (10923/2018 – C8-0440/2018 – 2018/0238(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10923/2018),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 16 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0440/2018),
 - wara li kkunsidra l-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali (ETS Nru 108) (CETS: 223),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0070/2019),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kunsill tal-Ewropa.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Il-prinċipji ewlenin stabbiliti fil-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa rreżistew il-prova taż-żmien u taw prova tal-qawwa, l-effiċjenza u s-suċċess tagħhom billi servew ta' bażi għal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data f'aktar minn 40 pajjiż. Madankollu, wasal iż-żmien li nwieġbu għall-isfidi tal-privattezza li nħolqu mill-era diġitali, inklużi dawk li jirriżultaw mill-użu ta' teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.
2. L-għan tal-protokoll li jemenda hu l-modernizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-Konvenzjoni 108 biex din tindirizza aħjar l-isfidi tal-privattezza li qed jitfaċċaw u biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tagħha.
3. Il-protokoll li jemenda tnejja b'mod parallel mal-pakkett ta' riforma Ewropew tal-protezzjoni tad-data, sabiex tkun żgurata l-konsistenza bejn l-istrumenti. Għaldaqstant, il-Konvenzjoni tirrifletti l-qafas leġislativ tal-Unjoni fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, bħal pereżempju l-GDPR u d-Direttiva dwar il-Pulizija.
4. Il-Konvenzjoni 108 għandha rwol kruċjali fit-tixrid tal-"mudell Ewropew tal-protezzjoni tad-data" fil-livell dinji, għaliex sikwit tintuża bħala sors li jispira minn pajjiżi li jikkunsidraw li jadottaw leġislazzjoni ġdida dwar il-privattezza jew li jarmonizzaw il-liġi tal-privattezza ma' standards internazzjonali. Livell ogħla ta' protezzjoni se jiffaċilita l-iskambju ta' data personali abbażi tas-salvagwardji xierqa.
5. Barra minn hekk, iż-żieda fl-istandards tal-protezzjoni tad-data tal-Konvenzjoni se tiffaċilita l-flussi tad-data bejn il-Partijiet tal-UE tal-Konvenzjoni u dawk mhux tal-UE. Dan hu rikonoxxut ukoll mill-GDPR, li jiddefinixxi l-adeżjoni mal-Konvenzjoni 108 u l-protokoll addizzjonali tagħha u l-implimentazzjoni tagħhom bħala kriterju importanti fil-valutazzjoni ta' jekk pajjiż terz jissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għal trasferimenti internazzjonali stipulati fid-dritt tal-UE biex tiġi ddikjarata l-adegwatezza tal-qafas legali tal-protezzjoni tad-data ta' dak il-pajjiż terz.
6. Il-protokoll li jemenda jintroduċi, għall-Unjoni u għal organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, il-possibbiltà li jsiru Parti tal-Konvenzjoni 108.
7. Għaldaqstant, il-Rapporteur jirrakkomanda li l-Membri tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament jappoġġaw dan ir-rapport u li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kunsill l-approvazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Proċessar Awtomatiku ta' Data Personali.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali (ETS Nru 108)			
Referenzi	10923/2018 – C8-0440/2018 – COM(2018)0451 – 2018/0238(NLE)			
Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni	17.10.2018			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 25.10.2018			
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 25.10.2018	ITRE 25.10.2018	IMCO 25.10.2018	JURI 25.10.2018
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċizzjoni	EMPL 12.7.2018	ITRE 19.6.2018	IMCO 19.6.2018	JURI 9.7.2018
Rapporteurs Data tal-ħatra	József Nagy 3.5.2017			
Eżami fil-kumitat	23.1.2019	4.2.2019		
Data tal-adozzjoni	4.2.2019			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	44 0 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Michał Boni, Daniel Dalton, Rachida Dati, Laura Ferrara, Romeo Franz, Kinga Gál, Ana Gomes, Filiz Hyusmenova, Sophia in 't Veld, Eva Joly, Dietmar Köster, Cécile Kashetu Kyenge, Roberta Metsola, Claude Moraes, József Nagy, Péter Niedermüller, Judith Sargentini, Giancarlo Scottà, Helga Stevens, Traian Ungureanu, Josef Weidenholzer, Kristina Winberg			
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Carlos Coelho, Dennis de Jong, Gérard Deprez, Anna Hedh, Livia Járóka, Petr Ježek, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Barbara Spinelli, Axel Voss			
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Birgit Collin-Langen, Pascal Durand, Stefan Eck, Stefan Gehrold, Françoise Grossetête, John Howarth, Ramón Jáuregui Atondo, Paul Rübig, Julie Ward, Tiemo Wölken, Gabriele Zimmer			
Data tat-tressiq	7.2.2019			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

44	+
ALDE	Gérard Deprez, Filiz Hyusmenova, Sophia in 't Veld, Petr Ježek, Maite Pagazaurtundúa Ruiz
ECR	Daniel Dalton, Helga Stevens, Kristina Winberg
EFDD	Laura Ferrara
ENF	Giancarlo Scottà
GUE/NGL	Stefan Eck, Dennis de Jong, Barbara Spinelli, Gabriele Zimmer
PPE	Asim Ademov, Michał Boni, Carlos Coelho, Birgit Collin-Langen, Rachida Dati, Kinga Gál, Stefan Gehrold, Françoise Grossetête, Livia Járóka, Roberta Metsola, József Nagy, Paul Rübig, Traian Ungureanu, Axel Voss
S&D	Ana Gomes, Anna Hedh, John Howarth, Ramón Jáuregui Atondo, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Dietmar Köster, Cécile Kshetu Kyenge, Claude Moraes, Péter Niedermüller, Julie Ward, Josef Weidenholzer, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Pascal Durand, Romeo Franz, Eva Joly, Judith Sargentini

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni